

# PROGRAMM
## TAL-FESTI SOLENNI LI JSIRU FIL-PARROĊĊA TA' L-IMQABBA F'ĠIEH
# SANTA MARIJA
## PATRUNA TAR-RAHAL
**30 ta' Lulju sat-22 ta' Awissu, 1973**

# The town-and-country cooker.

This Philips cooker works on kerosene. That means it's safe, inexpensive and – most important of all – you can use it anywhere. It has a low pressure gasifier which turns low-cost kerosene into real gas for safe odourless cooking.

Just light the pilot burner and the rest is automatic.



**PHILIPS**

**PHILIPS SHOWROOMS**
282, Kingsway, Valletta
*and Philips Dealers Throughout*
*Malta & Gozo*

# INNU LIL MARIJA ASSUNTA

*Esegwit mill-Banda "King George V" ta' l-Imqabba, fl-okkażjoni ta' l-ewwel Festa fuq il-Proklamazzjoni tad-Domma ta' l-Assunzjoni mill-Papa Piju XII.*

(rit.) Hallina ntennulek, Marija
Din l-għanja li ssawret mas-snin,
Irridu ngħallmuha 'l uliedna
Biex biha jsellmulek kull ħin!
Int għextha ġo qalbek
Il-ħajja tal-Fidwa,
U qalbek intgħasret
F'demm Ibnek Mislub,
Għalhekk qomt sabiħa
Mir-raqda tal-qabar,
Rebbieħa bħal Ibnek
Mill-mewt u mid-dnub.
(rit.) Hallina ntennulek......
Miksija bid-dija
Li żżernaq fil-ġenna,
Imdawra mill-anġli
Għannejja tas-Sliem,
Titwieżen fuq sħaba,
Bħas-silġ bajdanija,
Int tlajt ġewwa d-difa
Tas-sema bla tmiem.
(rit.) Hallina ntennulek......
Id-dinja bik tifraħ,
Tissieħeb ma' l-anġli,
Biex tqiegħed fuq rasek
Kuruna ta' ġieħ,
U Lilek issellem,
Omm Alla, Sultana,
Mogħnija bis-setgħa
Ta' Driegħu rebbieħ.
(rit.) Hallina ntennulek......

JOSEPH M. GHIGO, S.J.

Nihil Obstat.
Die Aprilis, 1949.
P. Alfonsus M. Camilleri, O.F.M.
Cens. Theol.

# OPRI GODDA FIL-KNISJA

Hu pjaċir ġenwin għalina l-Maltin li l-Knejjes tagħna nżejnuhom biex ikunu għamara xierqa għal Alla. Hu għalhekk il-gost tagħna wkoll li naraw il-Knisja tagħna tersaq qrib knejjes oħra bħalha fiż-żina tagħha.

Illum wieħed jista' bir-raġun kollu jgħid li tiġi fl-IMQABBA nhar Santa Marija, il-Festa Titulari, jew lejlietha, ma jfissirx tieħu gost biss bin-nar ta' l-art mekkanizzat u artistiku. Jekk wieħed ma jidħolx sal-KNISJA PARROKKJALI jkun naqas illi jista' japprezza u jitgħaxxaq b'xogħol artistiku u ħelu bħalma hija l-Istatwa ta' S. Marija bl-armar kollu tagħha.

Barra minn dan hemm opri oħra li tlestew din is-sena illi f'ġurnata bħal din wieħed ikun jista' jagħtihom daqqa t'għajn bil-kwiet. Hekk huma, per eżempju, żewġ lanterni tal-Fidda għall-konfraternita tas-Ssmu Sagrament; żewġ lanterni oħra tal-fidda għall-konfraternita ta' l-Imm. Kunċizzjoni, kif ukoll l-Istendard ta' l-istess konfraternita; żewġ linef fil-Kor, u erbgħa oħrajn, tnejn f'kull kappellun tal-Knisja.

Iżda, fuq kollox, opra oħra li jixirqilha tissemma' għaliha u li, fl-ideja tal-kotra, tista' titqies bħala monumentali, għal din il-parroċċa li ma tgħoddx xi għaxriet ta' eluf, huwa l-irħam fin u sabiħ taz-zokklu u l-bażi tal-pilastri li jduru mal-Knisja kollha. Dan qam ħafna flus, li kollha nġabru f'inqas minn sitt xhur. Tassew kienet opra li l-Imqabbin rieduha minn qalbhom.

L-irħam taz-zokklu nħadem Malta, iżda dak tal-basi tal-pilastri nġieb lest mill-Italja. Hawn ta' min ifaħħar u jirringrazzja wkoll, barra minn dawk li taw il-flus, lin-nies li ħadmu bla ħlas fit-tqattiegħ tal-ġebel u fit-tqegħid tal-basi.

Min dan jidher li wieħed ma jkunx għajr igħid is-sewwa jekk iqis din is-sena bħala waħda ta' l-akbar suċċess u li fiha l-Imqabbin riedu juru kemm għandhom għal qalbhom il-Knisja tagħhom.

J'Alla issa dan l-ispirtu tajjeb jibqa' joktor u jkun sinjal minn barra tal-Fidi li hemm f'qalb l-Imqabbin, barra milli jibqa' jservi ta' mera għal min jiġi wara.

# IL-FIDI TAGHNA U L-ASSUNZJONI TA' MARIJA

## DOMMA TA' FIDI

Id-Domma ta' l-ASSUNZJONI ta' Marija ġie mogħti bħala parti mill-Fidi li kull Kattoliku jrid jistqarr u jemmen mill-Papa Piju XII, f'Novembru 1950, bil-Bolla 'Munificentissimus Deus'. B'daqshekk il-Papa ma żied xejn fil-Fidi tagħna, iżda għallem li din hi verita' mgħarrfa lilna minn Alla.

## X'NIFHMU B'DIN ID-DOMMA?

Meta napplikaw il-kelma ASSUNZJONI għal Marija Ssma nifhmu dak il-privileġġ li bih ġiet meħlusa mil-liġi naturali li biha l-ġisem ta' kull bniedem wara mewtu jintemm, u ma jerġax jieħu l-ħajja ħlief fl-Aħħar Jum.

Fil-festa li niċċelebraw ma nistqarrux biss dan; imma wkoll il-glorifikazzjoni ta' Marija Ssma li, rebbieħa fuq id-dnub u l-mewt, ġiet meħuda fis-sema bir-ruħ u l-ġisem. Din kienet il-Fidi tal-Knisja sa mis-seklu VI meta ġa' nsibu xhieda tagħha fil-festa, li kienet issir f'xi bnadi tad-dinja, bħal Lixandra u Gerusalemm.

## IMTELLA' S-SEMA GHAX OMM ALLA

Ta' qima hi għalina, Mulej, il-festa ta' dan il-jum, li fih l- Imqaddsa Omm Alla mietet f'din id-dinja, imma ma setgħetx tibqa' mjassra mill-irbit tal-mewt, billi hi nisslet għalina l-Iben tiegħek, il-Mulej tagħna, magħmul Bniedem.

(Lit. Rom. — Sacr. Greg.)

## IMTELLA' S-SEMA GHAX OMM U VERGNI

Lilek, Alla, is-Sultan tal-ħolqien, tak dak kollu li hu 'l fuq minn natura; bħalma fil-ħlas tiegħek żammek xebba, hekk ħarislek mit-taħsir lil ġismek fil-qabar, u bis-setgħa tiegħu ta' Alla wasslek għall-Glorja.

(Lit. Orjent. — Menaeae totius anni)

# IL-KWADRU TITULARI TA' L-ASSUNZJONI TA' GEWWA L-KOR

Dan il-kwadru titulari li jinsab fuq l-artal tal-Kor jirrappreżenta lil Marija Ss.ma qiegħda tiġi mtella' s-sema, imdawra mill-Anġli.

In-naħa tal-lemin tal-Madonna hemm anġlu bis-sejf tannar f'idu, dak li Alla kien ħalla jħares lill-ġenna tal-art wara li Hu kien keċċa lil Adam u Eva meta waqgħu fid-dnub. In-naħa l-oħra, anġlu ieħor daqsu qed igħin, lil Marija tkun merfugħa fis-sema, waqt li żewġ anġli oħra jesprimu l-ferħ tagħhom biċ-ċetri flimkien ma' oħrajn, aktar 'l isfel u iċken bil-ward f'idejhom. Fir-rokna t'isfel hemm il-qabar miftuħ beraħ bl-appostli jħarsu 'l fuq lejn Marija hi u tiġi mtella' s-sema.

Dan il-kwadru hu opra tat-taljan **Filippo Venuti** li kien għamel xogħlijiet oħra f'din il-parroċċa u bnadi oħra f'Malta. Għalkemm fil-ħsieb u l-komposizzjoni tiegħu il-kwadru ma tantx juri oriġinalita', il-ħlewwa u n-naturalezza tal-figuri, mlaqqgħin mal-kuluri li għaraf juża b'sengħa kbira l-pittur, speċjalment fil-persuna tal-Madonna, jagħmlu minnu opra li tixraq lill-Knisja u li tpaxxi lil kull min jarah.

Dan ix-xogħol sar bi spejjeż ta' **Dun Salv Schembri,** u l-kwadru jġib l-arma ta' dan il-qassis f'rokna ta' isfel. Kien ġie mbierek mill-Kappillan ta' dak iż-żmien, **Dun Kalċidon Schembri,** fis-17 ta' Diċembru, 1896.

**Dun Salv** fi żmienu kien magħruf ħafna ma' Malta kollha għall-priedki tiegħu. Ma kienx hawn pulptu fi knisja kbira f'Malta li minn fuqu ma telax iwassal il-Kelma t'Alla. Hu kien miet l-Imqabba fl-1 ta' Frar 1927, fl-eta' kbira ta' 90 sena.

Dan l-istess saċerdot, wild dan ir-raħal, ħalla bosta opri oħra li marbut ismu magħhom u li juru l-imħabba kbira tiegħu għat-tempju ta' Dak li riedu jkun fis-servizz tiegħu.



**KWADRU TITULARI TA'**

**S. MARIJA GEWWA L-KOR**

# FESTI TA' GEWWA L-KNISJA

**30 ta' Lulju — FTUĦ TAL-KWINDIĊINA**

Fis-6.15 p.m. — Għasar Solenni, Ċelebrazzjoni Biblika fuq Santa Marija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.

Fis-7.30 p.m. — Quddiesa ta' filgħaxija.

**5 ta' Awissu — ĦRUĠ TAL-ISTATWA**

Fil-5.15 p.m. — Għasar Solenni, Prietka, Ċelebrazzjoni Biblika fuq S. Marija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.

Wara jsir **il-ħruġ tal-istatwa ta' Santa Marija** minn niċċa tagħha. Kant tal-**Ave Maris Stella** u Antifona.

Fis-7.30 p.m. — Quddiesa ta' filgħaxija.

**11 ta' Awissu — L-EWWEL JUM TAT-TRIDWU**

Fis-7.00 p.m. — Quddiesa Kantata, ċelebrata mill-**W.R. Dun Alwig Deguara,** Arċipriet tas-Siġġiewi, bil-prietka fuq "Marija ma' Kristu għall-Ħajja tal-Knisja".

Ċelebrazzjoni Biblika fuq Santa Marija, Innu, Antifona u Celebrazzjoni Ewkaristika li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.

**12 ta' Awissu — IT-TIENI JUM TAT-TRIDWU**

Fis-7.00 p.m. — Quddiesa Kantata Solenni.

Fis-7.00 p.m. — Tibda l-funzzjoni ta' filgħaxija b'Quddiesa Kantata Solenni u prietka fuq "Marija mtella' s-Sema ma' Kristu" — mill-**W.R. Kan. Dun Gwann Sladden,** Arċipriet tal-Isla.

Għall-bqija kollox bħalma hemm fil-Jum ta' qabel.

**13 ta' Awissu — IT-TIELET JUM TAT-TRIDWU**

Funzzjonijiet u ħinijiet kollox bħalma hemm fl-ewwel Jum tat-Tridwu, iqaddes u jipprietka il-**W.R. Kan. Dun Karm Aquilina** Lic. D., Kappillan tal-parroċċa S. Ġużepp Ħaddiem, B'Kara, fuq "Marija ma Kristu fil-Ħajja tas-sema".

**14 ta' Awissu — LEJLET IL-FESTA**

Fit-7.45 a.m. — Quddiesa Kantata Solenni mill-Kappillan

tal-Parroċċa, il-**W.R. Dun Karm Bianco S.Th.D., Ph.L., Dip. Lat. (Greg)**, Kant tat-"Te Deum" b'ringrazzjament u għeluq tat-Tridwu, Innu u Antifona.

Fis-6.30 p.m. — Translazzjoni Solenni tar-Relikwija u Quddiesa Solenni bl-Orkestra. Jiffunzjona **l-Illmu u Rev.mu Mons. Dun Karm Farrugia Ph.D., S.Th.D., J.C.D.**, Kompieta u Celebrazzjoni Ewkaristika li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.

**15 ta' Awissu — JUM IL-FESTA**

Fil-5.00 a.m. — Quddiesa Parrokkjali mill-Kappillan.

Fis-6.00 a.m. — Quddiesa letta bi Tqarbina Ġenerali għall-Kbar.

Fis-7.00 a.m. — Quddiesa letta bi Tqarbina Ġenerali għat-Tfal.

Fit-8.00 a.m. — Kant Solenni tal-Lawdi.

Fid-8.45 a.m. — Kant ta' Terza.

Fid-9.00 a.m. — Quddiesa Pontifikali u Paneġirku mill-**Eċċ.za T. Rev.ma Mons. Emanuel Gerada B.A., Lic.D., J.C.D. (Greg.)**, Isqof Ko-adjutur ta' Malta.

Fl-10.30 a.m. — Quddiesa letta.

Fl-10.30 a.m. — Quddisea letta.

Fin-12.30 p.m. — Toħroġ l-aħħar Quddiesa.

Fis 6.00 p.m. — Sekondi Vespri Pontifikali mill-**Ill.mu u Rev.mu Mons. Dun Karm Farrugia Ph.D., S.Th.D., J.C.D.**
Proċessjoni bl-istatwa artistika tal-Patruna tal-Parroċċa, immexxija mill-istess Monsinjur.

Malli tidħol il-Proċessjoni fil-Knisja jkun hawn Celebrzazjoni Ewkaristika li tagħlaq bil-Barka Sagramentali. Wara jsir il-bews tar-Relikwija.

**Lejlet il-Festa jkun hawn żewġ konfessuri barranin għall-Qrar.**

Il-mużika tat-Tridwu, lejlet u nhar il-Festa tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast il-W.R. Patri Salv. Galea L.R.S.M.

**22 ta' Awissu — L-OTTAVA TAL-FESTA**

Fis-6.00 p.m. — Ghasar Solenni, Reposizzjoni tar-Relikwija, TE DEUM u Celebrazzjoni Ewkaristika li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.

Fis-7.15 p.m. — Quddiesa ta' filgħaxija.

## FESTI TA' BARRA

**30 ta' Lulju** — Wara l-funzjoni tal-Knisja, issir il-mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u tal-**King George V Band Club.**

**5 ta' Awissu** — Fis-7.00 p.m. Ħruġ ta' l-istatwa ta' Santa Marija fil-Knisja. **Il-W.R. Dun Karm Bianco S.Th.D., Ph.L., Dip. Lat. (Greg.)** il-Kappillan tal-parroċċa, ibierek stendard tal-banda bil-kuluri tar-Reliġjon. Wara, il-Banda King George V tagħmel marċijiet brijużi mat-toroq prinċipali tal-Imqabba. Mixgħela tal-Knisja, Pjazza u tal-Każin King George V.

**13 ta' Awissu** — Wara l-funzjoni tal-Knisja, l-**Banda King George V** tagħmel marċijiet u ddoqq fil-pjazza tal-Knisja taħt id-direzzjoni tas-**Surmast G. Martin A.Mus., L.C.M.** Mixgħela Ġenerali.

**14 ta' Awissu — LEJLIET IL-FESTA**

Fil-5.00 p.m. — Mixgħela Ġenerali.

Fis-6.30 p.m. — Il-Banda "Queen Victoria" taż-Żurrieq u "San Nicola" tas-Siġġiewi, jagħmlu marċijiet u jdoqqu programm fil-Pjazza tal-Knisja.

Fis-7.30 p.m. — waqt il-Ħruġ tal-Proċessjoni jindaqq **INNU LIL SANTA MARIJA ASSUNTA** bil-kant tal-Kor "Cantate Domino" taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija tar-**Rev. Fr. Michael D'Amato, A.L.C.M., L.R.S.M.** Meta l-proċessjoni tasal ħdejn il-Każin King George V il-Banda "Queen Victoria" iddoqq Innu lil Santa Marija Assunta, miktub mir-**Rev. Patri G.M. Ghigo, S.J.**, u mużika mis-Surmast **G. Martin A. Mus., L.C.M.** Ikantaw fih it-Tenur **Andrew Sapiano** u l-Baritonu **Joe Fenech** flimkien mal-Kor "Cantate Domino". Waqt il-proċessjoni isir sparar ta' musketterija, ħruq ta' Kaxxi Infernali, Murtaletti, Murtali tal-Kulur u Beraq Pront.

Sett ta' marċi ġodda u l-Innu lil S. Marija Assunta għandhom jinstemgħu fuq ir-Rediffusion dak in-nhar tal-Festa fit-3.00 p.m. Iddoqq il-Banda King George V taħt id-direzzjoni tas-Surmast G. Martin A. Mus., L.C.M.

Il-logħob tan-Nar, il-Kaxxi Infernali, il-Murtali tal-Kulur u l-Beraq Pront huma kollha xogħol tad-dilettanti tas-Soċjeta S. Marija.

Stamperija "Il-Hajja".

# TAGHRIF STORIKU FUQ IL-KAPPILLAN LI BENA L-KNISJA

**DUN ANGELO MALLIA,** il-ħames Kappillan ta' din il-parroċċa, kien imwieled l-Imqabba, kien lawrejat fit-Tejoloġija u fil-Liġi u, qabel ma laħaq Kappillan, kien viċi-parroku hawnhekk sa mis-7 ta' Mejju 1667. Gie mogħti pussess ta' Kappillan nhar it-22 ta' Lulju 1667.

Skond ma hemm miktub fir-reġistru tal-Magħmudijiet, Imwiet u Żwieġijiet mis-sena 1621 sal-1675 insibu li hu kien iben Bennard u Domenica miżżewġa Mallia u kien ġie mgħammed mill-Kappillan Dun Indri Farrugia nhar l-10 ta' Marzu 1637.

Isem dan il-Kappillan hu marbut ma' żewġ ġrajjiet li juru mill-ewwel kemm kien jistħoqqlu dan l-uffiċċju.

**L-ewwel waħda** hi l-Knisja Parrokkjali li għandna. Din kienet l-ideja tiegħu u kien hu li ta bidu għall-bini tagħha. F'dak iż-żmien kien hemm knisja oħra ħafna iżgħar li ma kenitx tixraq lir-raħal bħala knisja parrokkjali, billi f'dak iż-żmien ġa' parroċċi oħra tad-daqs ta' l-Imqabba kienu ħadu ħsieb u bdew itellgħu knejjes kbar u sbieħ.

Wieħed hawn irid jifhem ukoll li dan il-Kappillan ma tantx seta' jsib min jinkoraġġieh, għax dak iż-żmien in-nies hawn kienu jgħoddu biss ftit mijiet u hu ħaseb għal knisja li tesa r-raħal kollu. Imma l-bniedem għaqli u jaħseb fil-bogħod hekk ifassal...... u ż-żmien tah raġun.

**It-tieni ġrajja** hija l-mewt tiegħu ħesrem u s-sogħba kbira li ġarrab il-poplu f'din l-okkażjoni, meta bniedem żelanti u ħabrieki bħal dan kellu ma jarax mitmuma l-opra li hu beda.

Fil-ktieb tal-mejtin insibu li ċertu **Dun Dumink Caruana,** viċi-parroku, kiteb li hu kien ħa ħsieb ir-rit funebri u d-difna ta' dan il-Kappillan fil-Knisja. Iżid igħid ukoll li Dun Angelo Mallia miet bla ma seta' jitqarben għax waqa' mejjet sobtu fl-art waqt li kien iwiddeb in-nies fil-Pjazza. B'tifkira ta' din il-ġrajja kiefra kien twaqqaf dak is-salib li hemm fil-Pjazza.

Din il-mewt ħasditu nhar is-26 ta' Jannar 1690 — jiġifieri wara 23 sena u sitt xhur li kien ilu Kappillan ta' l-Imqabba.

# KAPPILLANI LI MEXXEW IL-PARROCCA

1. Dun Ġwann Mizzi mill-1598 sal-1603
2. Dun Pietru Pace mill-1604 sal-1633
3. Dun Indri Farrugia mis-27.2.1634 sat-12.10.1663
4. Dun Dumink Pace mill-4.11.1663 sat-23.5.1667
5. Dun Angelo Mallia S.Th.D., mit-22.7.1667 sas-26.1.1690
6. Dun Nerik Cuschieri mill-1690 sal-1711
7. Dun Giacomo Casha S.Th.D., mill-24.4.1712 sat-30.12.1719
8. Dun Gian Pawl Zammit mill-1720 sat-28.10.1756
9. Dun Mikiel G. Tortella S.Th.D., mill-1757 sal-1787
10. Dun Alwiġ B. Caraffa mit-22.10.1787 sal-25.4.1802
11. Dun Stiefnu Zerafa mis-16.6.1803 sat-18.10.1829
12. Dun Saverju Galea mill-1831 sal-1833
13. Dun Tumas Agius D.D., mit-3.11.1833 sal-1849
14. Dun Salv Zerafa mit-30.9.1849 sal-15.10.1850
15. Dun Ġammari Vella mill-1850 sat-28.12.1853
16. Dun Vinċenz Schembri mill-4.3.1854 sal-1863
17. Dun Franġisk Vella mill-10.5.1863 sal-24.4.1893
18. Dun Karm Bugelli mis-26.3.1894 sal-1895
19. Dun Kalċidon Schembri mis-6.6.1896 sat-13.1.1901
20. Dun Franġisk Muscat mit-23.12.1901 sas-27.1.1906
21. Dun Franġisk S. Bonanno mit-13.8.1906 sat-22.3.1922
22. Dun Paċifiku Mifsud mit-13.8.1922 sas-16.8.1931
23. Dun Gużepp Debono mit-13.3.1932 sal-1.5.1936
24. Dun Lawrenz Spiteri D.D., B.L.Can., mit-18.10.1936 sal-21.3.1945
25. Dun Gerald Mangion mill-5.8.1945 sat-28.9.1962
26. **Dun Karm Bianco S.Th.D., Ph.L., Dip.Lat. (Greg.) mit-23 ta' Mejju 1963**

# RENDIKONT FESTA TA' SANTA MARIJA 1972

| | | |
|---|---|---|
| Ġbir mill-Envelopes | £M218.00,0 | |
| Tar-Reklami għall-Programmi | 12.50,0 | |
| Gbir mix-xebbiet | 18.00,0 | £M248.50,0 |

| | | |
|---|---|---|
| Orkestra | £M85.00,0 | |
| Stampa: Progress Press | 8.00,0 | |
| Muscat Press | 15.00,0 | |
| Kisi u Pittura Xama ta' l-Istatwa | 43.50,0 | |
| Personal barrani | 22.00,0 | |
| Konfessuri barranin | 2.00,0 | |
| Punteria | 20.30,0 | |
| Xama' — artali u Via Sagra | 5.50,0 | |
| Servizz ta' Private | 9.00,0 | |
| Armar tad-Damask u servizzi oħra fil-Knisja | 10.00,0 | |
| Daqq ta' qniepen | 3.75,0 | |
| Organista | 8.80,0 | |
| Drinks | 2.50,0 | £M235.35,0 |

**BILANC £M 13.15,0**

Nirringrazzjaw minn qalbna lil kull min ta xi offerta, u waqt li nittamaw illi kulħadd jibqa' jżidha, nitolbu lil Marija Assunta, patruna tagħna, taqlagħlna l-barka ta' Binha, Ġesu'.

*Il-Kappillan.*

# L-ISTATWA TA' L-INKORONAZZJONI TAGHLAQ HAMSIN SENA

Nhar il-Festa ta' l-Assunta, fil-Pjazza tal-Knisja, ħdejn il-Każin ta' S Marija, bosta nies, li jiġu r-raħal tagħna għall-Festa, jieqfu jammiraw il-pedestall artistiku bl-istatwi fuqu li jirrappreżentaw l-Inkoronazzjoni tal-Madonna.

Ftit, iżda qatt għaddielhom minn moħħhom li, din l-opra hekk sabieħa u li jistħoqqilha titqiegħed f'ċentri aktar im-semmija u magħrufa, dis-sena tagħlaq ħamsin sena minn mindu ġiet imżanżna l-ewwel darba fil-**festa ta' S. Marija tal-1923.**

Hsibna għalhekk li jkun ta' siwi nfakkru din il-ġrajja għażiża għalina u li tagħmel unur lir-raħal tagħna.

Barra mis-sbuħija tiegħu, dan il-**Pedestall** — kif hu magħruf ma' l-Imqabbin — fih valuri oħra marbutin mat-tifkira ta' dawk li ħadmuh b'tant sagrifiċċji. Fosthom wieħed irid isemmi lil **Ġanni Ghigo,** ex-president ukoll ta' dan il-Każin, li mgħejjun mill-aħwa **Innoċenzo** u **Giuseppe Psaila,** ħadem ix-xogħol ta' l-injam fuq disinn tas-Surmast **Abram Gatt.** L-iskultura abbondanti u fina tiegħu saret minn ċertu **Piju** mill-Kalkara. Illum dawn in-nies kollha ħallewna u aħna għandna x-xorti ngawdu xogħolhom.

L-istess ħaġa tingħad fuq **Mastru Karm,** minn Hal Qormi, li ħadem dawk l-istatwi tal-kartapesta, mimlijin tant ħajja u naturalezza, fuq il-mudelli tal-famuż Darmanin. L-ideja kollha ta' din l-opra oriġinat minn ċertu **Baskal Gauci** u seħħet bit-tħabrik ta' l-aħwa **Lorenzo** u **Giovanni Zammit** li ħadu ħsieb ukoll li jsibu benefatturi għall-ispejjeż tiegħu. Minn dawn ta' l-aħħar, Lorenzo Zammit għadu mimli bl-għomor.

Dak iż-żmien l-istatwi ta' l-Inkoronazzjoni qamu £20; l-istatwi tan-nisa, figuri mill-Antik Testment tal-Madonna, qamu £10; u l-iskultura tiegħu kollha qamet £20. Il-flus kienu ngabru bis-sold ta' kull nhar ta' Ħadd mill-familji.

Din il-biċċa armar imponenti inħadmet kollha fil-każin l-antik li dak iż-żmien kien bieb ma' bieb ma' dak li għandna issa. Wieħed jistagħġeb kif, barra mis-sagrifiċċji personal ta' dawk li ħadmuh wara ġurnata xogħol, dawn in-nies kellhom ħila li, f'post hekk żgħir, iwaqqfuh u jġibuh hekk tal-qies f'kollox.

Dan il-pedestall ġie restawrat fis-sena 1967 minn membri ta' l-istess Każin fil-maħżen tal-Kappella ta' San Bażilju.



# IL-PEDESTALL TA' L-INKORONAZZJONI
## 1923-1973

**IL-KLIEM TAĊ-ĊINTA TA' ĠEWWA L-KNISJA**

BEATA MARIA VIRGO AD CAELESTIA REGNA ASSUMPTA SALUTI FERUM ET BENEFICUM SUUM MUNUS MATERNUM NON DEPOSUIT SED MULTIPLICI INTERCESSIONE SUA PERGIT IN AETERNAE SALUTIS DONIS NOBIS CONCILIANDIS. *Conc. Vat. II, Lumen Gent. par. 62.*

*Bil-Malti*

L-Imqaddsa Verġni Marija, imtellgħa s-sema, bħala omm ma ħallietx din il-funzjoni tagħha ta' fidwa u ta' ġid, iżda bid-diversi mezzi tal-interċessjoni tagħha hi tkompli tiksbilna d-doni tas-saħħa ta' dejjem.




Stamperija IL-HAJJA